# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 42

L-Erbgha, 6 ta' Jannar, 2011

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo u Mario Camenzuli.

Il-Kunsillier Farrugia informa li kien ser ikun indispost u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 41 li saret nhar il-Hamis, 16 ta' Dicembru, 2010 kienu konfermati.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

Dwar l-arblu ghall-bandiera, il-Vici Sindku nforma lill-Kunsill li parti mill-arblu kienet ghadha ma waslitx minn barra u ghalhekk ghadu ma tpoggiex fil-post. Din il-parti ghandha tasal fil-jiem li gejjin.

**L-OFFERTI GHAS-SERVIZZ TA' PERITI GHAL DIVERSI PROGETTI**

Il-Kunsill ircieva diversi offerti ghal dan is-servizz. Dawn jidhru f'Appendici A annessa mal-Minuti.

Dwar **Lots nru. 1 u 3** is-Sindku ppropona li jinholoq Kumitat ad hoc, kompost mis-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillier Azzopardi sabiex jevalwa l-offerti li l-Kunsill ircieva ghall-progetti tal-Biccerija u l-Manoel Guest House rispettivament. Il-Kunsill qabel dwar dan.

Dwar il-progett tal-Biccerija, is-Sindku fakkar li dan ikun jista' jsir jekk jigu l-fondi mill-EU.

Dwar il-progett tal-Manoel Guest House, is-Sindku fakkar li dan il-progett isir jekk jinstabu investituri.

Dwar **Lots nru. 2 u 4** u cioe` il-progett ta' Pjazza Mattia Preti u l-progett ta' kostruzzjoni ta' zewg playing fields, il-Kunsill ghazel l-irhas offerta u cioe` dik ta' DTR.

Dwar il-progett ta' Pjazza Mattia Preti, is-Sindku nforma li l-Kunsill kien se japplika fi skema tal-Housing biex jingiebu fondi ghal dan il-progett. F'kaz li l-progett ikun jiswa aktar, il-Kunsill jista' japplika mal-MEPA ghal fondi li hemm available ghall-Belt taht il-CPPS fund. B'hekk il-Kunsill ma juzax fondi tieghu.

Dwar **Lot nru 5** u cioe` ir-rinovazzjoni tal-latrini pubblici, l-offerta tal-Perit Chris Briffa kienet l-unika wahda li kellha inkluza fiha id-disinji li qed jigu proposti u ghalhekk a bazi ta' dan, il-Kunsill ghazel din l-offerta.

Dwar dan il-progett, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir l-applikazzjoni mal-MEPA u wara ser issir applikazzjoni ghall-fondi taht l-ERDF. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wahda mill-klawsoli ta' l-ERDF funding hija li fl-ewwel hames snin ma tistghax issir attivita` kummercjali mill-post fejn ser jigi rinovat. Kien hemm qbil li tingieb aktar informazzjoni dwar dan.

Dwar **Lot nru. 6** u cioe` is-servizz ta' contract manager fuq road resurfacing, il-Kunsill ghazel l-irhas offerta komparata man-numru ta' sieghat li se jigu dedikati kif jehtieg il-Kunsill. Din kienet l-offerta tal-Perit Robert Musumeci

Dwar **Lot nru. 7** u cioe` is-servizz generali ta' Perit, il-Kunsill ghazel l-irhas offerta, dik tal-Perit Robert Musumeci.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ma qabilx li l-Malta International Challenge Marathon li ssir f'Novembru, tispicca fi Triq ir-Repubblika hdejn il-Wembley Stores. Minflok ippropona li t-tmiem ikun Pjazza San Gorg. Dan it-tibdil huwa mehtieg minhabba li Bieb il-Belt ser ikun twaqqa';

- Il-Kunsill qabel li jipproponi fil-pozittiv sabiex isir parkegg riservat ghal persuni b'dizabilita` quddiem 80, Triq San Nikola;

- Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' TM biex zewg communal parking bays for blue sticker badge holders li kienu fi Pjazza San Gorg jitpoggew wahda fi Triq l-Ifran k/m Triq l-Arcisqof u l-ohra Triq l-Ifran k/m Triq it-Teatru l-Antik;

- Il-Kunsill qabel li jingiebu aktar dettalji dwar it-talba tas-Sur Frans Said sabiex issir plakka fi Triq Melita li tfakkar ix-xandir bil-malti;

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Chines New Year***
Is-Sindku nforma li kienu qeghdin isiru l-preparamenti ghall-attivitajiet relatati mac-Chinese New Year.

***Kunsill Lokali taz-Zghazagh***
Il-Kunsill gie nfurmat li kien hemm dsatax –il zaghzugh u zaghzugha li qed jiehdu sehem fil-Kunsill Lokali taz-Zghazagh. Dawn qed jiltaqghu fil-Kunsill darba fix-xahar u diga ghamlu attivita` ta' fund raising ghall-Istrina.

***War Museum***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-War Museum se jzidu attrazzjoni ohra billi ser tibda tindaqq is-serena tal-gwerra.

***Euro-Arab Cities Forum***
Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Buontempo jippartecipa f'konferenza f'Malaga ghall-awtoritajiet lokali mill-Ewropa u d-dinja Gharbija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

***Gieh il-Belt***
Kien hemm qbil li jergghu jinhargu l-applikazzjonijiet ghan-nomini ghal Gieh il-Belt.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Il-Kunsill qabel unanimament ma' proposta tas-Sindku sabiex isir major patching fi Triq Carmelite, Triq San Mikiel u Triq l-Arcisqof bejn Triq Sant'Ursola u Triq il-Lvant. Dawn ser isiru bil-concrete minhabba li t-triq hija dejqa u hemm diversi spralli fit-triq.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Tressqet quddiem il-Kunsill il-lista ghall-awtorizzar ghall-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet (Appendici B)

**TMIEM**

Qabel intemmet is-Seduta, il-Kunsillier Buontempo talab li tinstab gurnata sabiex il-Kunsillieri jkunu jistghu jaraw il-post il-gdid tal-Kunsill. Kien hemm qbil li din iz-zjara ssir nhar l-10 ta' Jannar fit-3.00pm.

Fis-6.00pm il-Kunsill aggorna ghal nhar il-Hamis, 27 ta' Jannar, 2011 fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku